KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

# MINUTI
## Laqgħa B'Urġenza tal-Kunsill Lokali Mosta
## Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 32 Tnejn 17 ta' Mejju 2021

Il-Kunsilli Lokali Mosta jlaqqa' laqgħa tal-Kunsill li ser tinżamm online permezz ta' Microsoft Teams fis-6:35 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda B. Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Danny Farrugia-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Mikhail Micallef -Kunsillier

ASSENTI
Angele Rapa - Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Micallef. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

32.2.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 115.

Il-Kunsillier Deguara staqsa dwar Ref. 2689 kif iż-żebgħa ġiet tiswa €2,010. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li żebgħa *non-slip* tiswa l-flus, għax mhux żebgħa

normali. Is-Sindku nfurmat li kien hemm diversi żoni, u li dan huwa l-istess kuntrattur li ser jagħmel il-balabostri f'Dawret il-Wied.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed jinħadem tender ġdid flok dak ta' Adam, peress li skada u ma nistgħux noħorġu *default notices*. Is-Sindku żiedet tgħid li mhux qed ilaħħaq max-xogħol u mhux qed jersaq lejn il-Mosta, kif wkoll l-Elles kuntrattur ieħor mhux ilaħħaq l-anqas.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tispjega, fejn waqt laqgħa reċenti mas-Sindku, l-Kunsillier Cassar u l-avukat tal-Kunsill, l-avukat kien spjega li għalkemm kuntratt skadut xorta l-kuntratt jibqa' invigore sakemm qed tibqa tuża s-servizz. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed naħdmu fuq tender ġdid, biex nfittxu noħorġuh malajr, fil-fratemp qed nużaw servizzi ta' terzi u inżommu mad-*direct orders* biex ma jinqabżux.

Il-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtna l-BOQ's lil-Perit tal-Kunsill biex jiġu *updated* bil-prezzijiet tal-lum.

Il-Kunsillier Cassar nforma li jekk Adam mhuwiex jonora l-kuntratt, minkejja li huwa skadut, ma jaħsibx li nkunu korretti li nqabdu kuntrattur simili li jagħmel l-istess xogħol. Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li fiż-żmienu kellna problema bil-ġbir ta' skart, għalkemm forsi differenti, minħabba li l-ispiża kienet ser taqbeż id-*direct order*, u allura kellna bżonn permess mid-Dipartiment. Il-Kunsillier Cassar nforma lil-membri preżenti li staqsa u jidher li minkejja l-kuntratt skadut l-Kunsill ma jistax jqabbad kuntrattur ieħor biex jagħtina servizz, u rridu noħorġu sejħa għal-kwotazzjoni bl-EPPS. Is-Sindku nfurmat li kwotazzjoni bl-EPPS għal dawk il-kwotazzjonijiet ta' taħt l-€10,000, għax sa €5,000 irridu nġiebu tlett kwotazzjonijiet.

Il-Kunsillier Cassar staqsa dwar kif in-*non slip* ma sarx mil-Koptasin. Is-Sindku nfurmat li kien hemm wkoll xi *manholes*, u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li *non-slip* jista' jagħmlu Adam. Il-Kunsillier Cassar nforma li jekk huwa l-istess żebgħa ta' *non-slip* lanqas serva.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 24 ta' Marzu 2021 sas-17 ta' Mejju 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li lanqas iż-żebgħa normali ma sservi għax ta' spiss nduruhom it-toroq, u s-Sindku nfurmat li talbet lil Koptasin biex jerġgħu jduru ż-żebgħa u talbet *update* għalfejn iż-żebgħa tat-toroq mhux isservi.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li lil Adam, mhux naqbżuh, imma hu jinfurmana biex nqabbdu lil-ħaddieħor, meta ma jkunx jista' jaqdina. Il-Kunsillier Cassar nforma li jekk qed jirrifjuta jiġi terminat, għax ma nistgħux intuh għażla liema xogħol jagħżel. Is-Sindku nfurmat li l-kuntrattur jrid jagħlaq dak li beda, u l-Kunsillier Cassar nforma biex ma nibqgħux noħorġu WO fuq Adam.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kif diġà spjegat qed naħdmu fuq it-tender u qed nistennew mil-Perit tal-Kunsill biex jagħmel *update* tal-prezzijiet li hemm fuq il-BOQ.

Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet dwar Ref. 2619 jekk nofrux trasport lid-Day Centre, jew reġgħu bdew l-ħarġiet? Is-Sindku nfurmat li dan huwa relatat ma trasport lil-anzjani mid-djar tagħhom għad-Day Centre, u l-Kunsill jħallas żewġ *trips* fil-ġimgħa, fejn l-Kunsill għandu *agreement,* fejn irridu nkomplu bid-diskussjonijiet, biex jekk hemm bżonn jiġi offrut vann li jkun ikbar u jesgħa iktar nies.

Il-Kunsilliera Cassar staqsa fuq il-kuntrattur Luciano Baldacchino, jekk nafux l-ispiża tal-*pillars* biex ma jinqabżux il €5,000. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qegħdin attenti biex ma jinqabżux il €5,000. Il-Kunsillier Cassar staqsa wkoll fuq il-pagamenti tal-handyman, fejn l-kont qed jiżdied u qed jkun iktar min €2,000. Is-Sindku nfurmat li l-Mosta mhijiex ta' persuna waħedha u l-handyman jkollu ħafna *overtime*. Bħala tender is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għada ma bdietx taħdem fuqu, u s-Sindku żiedet tgħid li t-tender ma jistax joħroġ fuq persuna waħedha. Il-Kunsillier Cassar nforma biex meta naħdmu fuq it-tender ma ninsewx ninkludu l-vann.

Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet kif impjegati skala 16 hemm tlieta, u pagi hemm tnejn. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li skala 16 hemm tlett impjegati, u li waħda minnhom waqet bla paga wara li spiċċa s-*sick leave* u għada bis-*sick* b'ċertifikat miftuħ.

### 32.2.3 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*

Il-Kunsillier Farrugia staqsa dwar PO 2185, jekk nafux kemm ser jiswa is-servizz tat-*technician* tal-GO plc. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li r-rata hija *per hour,* u għalhekk skont kemm jdumu ix-xogħlijiet.

Il-Kunsillier Gatt staqsa dwar PO 2170, kif ġiet tiswa €4,300. Is-Segretarju Eźekuttiv infurmat li l-figura hija skont ix-xogħol li jsir u r-rati li jtuna, u fejn jidħlu toroq bħal Bidnija hemmhekk hemm triq twila. Fil-fatt qed jinħadem tender għal *non-urban roads* għax qed jiswewna l-flus.

Il-Kunsillier Cassar staqsa dwar PO 2182, fejn inxtara bukkett fjuri lil xi ħadd li ma ngħatax Ġieħ il-Mosta, u għalhekk staqsa jekk nbidlux l-proċeduri. Is-Sindku nfurmat li l-bukkett ntbagħat mil-Kunsill Lokali Mosta, u Martin Galea huwa persuna magħruf mal-Mosta.
Il-Kunsillier Cassar nforma li hu mhux kontra, u staqsa peress li qatt ma ntbagħtu fjuri lil-persuni li ma ħadux rikonoxximent ħa nibdew nagħmluha?

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk intbagħatx fjuri lis-Surmast Zammit, u s-Sur Gatt staqsa wkoll dwar Lorry tas-City. Is-Sindku nfurmat li lis-Surmast Zammit ntbagħtu fjuri, u fl-opinjoni tagħha persuni magħrufa għandna nibgħatu bukketti tal-fjuri mil-Kunsill, u għalhekk talbet lil-membri preżenti biex jekk jkunu jafu b'xi persuni ma ssibx oġġezzjoni li nibgħatu bukketti tal-fjuri meta jiġu neqsin.

Il-Kunsillier Cassar staqsa min ser jiddeċiedi min huma dawk magħrufin u min le? U għalhekk l-Kunsillier Cassar nforma li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jibqa'

jibgħat lil dawk li ħadu ġieħ u rikonoxximent, però' jekk l-Kunsill jiddeċiedi li bukketti jintbagħatu wkoll lil-Mostin oħrajn, hemm bżonn li jiġu f'formulati sett ta' kriterji.

Is-Sindku nfurmat li taqbel li jiġu f'formulati sett ta' kriterji, u jitressqu fuq il-mejda tal-Kunsill għal-approvazzjoni. Il-Kunsillier Camilleri nforma li mportanti li noqgħodu attenti biex ma jinqabeż ħadd.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

32.2.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

32.2.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-*petty cash* li tkopri x-xahar ta' Marzu 2021. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

## 32.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fis-6:55 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għas-26 ta' Mejju 2021 fis-6:00pm.

Konfermati llum 17 ta' Mejju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |